MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 657/2004

**GasanMamo Insurance Limited**

**vs**

**Mario Brincat, Charles sive Carmel Grech, Kurt Grech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Marzu, 2004 fejn intqal illi l-konvenuti jew min minnhom huma debituri tal-atturi fis-somma ta' tmien mija u sitta u disghin Liri Maltin u sitta u disghin centemzu (Lm896.96) liema somma hija dovuta lis-socjeta' attrici assikurattrici bhala refuzjoni ta' flus li hija hallset ghal hsarat li garrbet il-vettura numru KRT 189 propjeta' ta' Charles sive Carmel Grech u misjuqa minn Kurt Grech u dana wara li l-assikurat taghha Mario Brincat, li kien assikurat taht Polza Third Party**

**kien iddikjara fil-claim ipprezentata minnu fit-13 ta' Mejju 2002 illi waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru HAP 702 fit-12 ta' Mejju 2002 gewwa San Giljan huwa kien dahal b'lura fil-vettura numru KRT 189 misjuqa minn Kurt Grech.**
**Illi mill-fatti illum jirrizulta illi din il-habta ma gratx kif qed isostni l-assikurat Mario Brincat, izda grat mod iehor, u cioe' li Kurt Grech baqa' diehel fuq il-parti ta' wara tal-vettura misjuqa minn Mario Brincat.**

**Illi ghalhekk mill-fatti illum jirrizulta illi s-socjeta' assikurattrici attrici giet svijata mill-konvenuti jew min minnhom sabiex thallas din il-claim u ghalhekk qed titlob ir-refuzjoni tal-ammont minnha mhallas.**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' Ittra Ufficjali datata 22 ta' Awissu 2003 kontra l-konvenuti u tal-parir Lm15.00 bl-imghax kontra l-istess konvenuti jew min minnhom u li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenuti Grech fl-20 ta' April, 2004 fejn intqal:**
**1. Illi t-talba attrici ghar-refuzjoni tas-somma ndikata ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici, stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan peress illi l-habta saret kif gie ritenut originarjament.**
**2. Illi ghalhekk l-ebda ammont m'huwa dovut mill-konvenuti Grech lis-socjeta' attrici.**
**3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut Mario Brincat fil-31 ta' Mejju 2004 fejn intqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghal bazi tas-segwenti ragunijiet:**
**1. Illi l-konvenut Mario Brincat ma rcieva l-ebda flus minghand is-socjeta' attrici u ghalhekk mhux il-kaz li jigi kkundannat jirrifondi l-ammont mitlub stante li jekk dan huwa dovut, huwa dovut biss minghand il-persuna li rcevietu.**

**2. Illi l-konvenut Mario Brincat ma kellu l-ebda htija u/jew responsabbilta' fl-incident awtomobilistiku in kwistjoni.**
**3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalsiasi dikjarazzjoni maghmula mill-konvenut Mario Brincat lill-assikurazzjoni saret taht theddid u pressjoni serja maghmula fuqu, hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.**
**Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.**

**Semgha x-xhieda ta' Joe Buttigieg, Hugh Zammit, Amanda Grech u Mario Brincat. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti. Semgha lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Is-socjeta` attrici qed tfittex ghar-refuzjoni ta' hlas li ghamlet, wara li rrizultalha li dak li kien qalilha l-assikurat ma kienx minnu, u li fil-fatt it-tort kien tal-vettura li ma kienetx assikuarata maghhom.**
**2. Mario Brincat kien assikurat third party mas-socjeta` attrici. Dan kien fil-karozza HAP-707 mat-tfajla tieghu Amanda Grech meta sehhet kollizzjoni mal-vettura KRT-189 misjuqa minn Kurt Grech.**
**3. Jirrizulta li ghall-bidu Brincat kien qal li kien hu li regga' lura fil-vettura ta' Kurt Grech. Brincat xehed hekk:**
**"Qed nigi muri dokument a fol 26 tal-process, u nikkonferma l-firma tieghi f'dak id-dokument. Jiena lil GasanMamo kont ghidtilhom li kont irriversjajt u ilqatt il-karozza ta' warajja, Naf illi kien Pulizija ta' warajja.**
**In vista ta' dan l-assikurazzjoni attrici hallset id-danni ta' l-istess Grech.**
**4. Jirrizulta li Hugh Zammit, Senior Manager tas-socjeta` attrici ma kienx konvint minn kif graw l-affarijiet u ghalhekk dan rega' sejjah lil Brincat, u dan ammetta li kien qal li regga' lura filwaqt li dan ma kienx minnu peress li kien Kurt Grech li habat fih. Brincat xehed hekk:**

**“Fil-31 ta’ Ottubru, 2002, jiena kont mort ghand is-socjeta` attrici u kont bdilt il-verzjoni ta’ kif gara l-incident.”**

**5. Jirrizulta li Brincat bidel il-versjoni peress li hassu mhedded. Hu kien habat ma’ pulizija. Ittiehed l-Ghassa ta’ San Giljan, fejn baghtuh jaghmel breathyliser test li rrizulta negattiv. Wara rega’ mar l-Ghassa ta’ San Giljan. Fi kliem Brincat:**
**“L-Ispettur Tonna beda jaghmilli pressjoni qawwija, peress illi jiena suldat biex itellifni l-karriera. <u>Jiena bzajt</u>. Amanda, li kienet it-tfajla tieghi dak iz-zmien, bdiet tghidli biex ma niffirmahiex. <u>Jiena biex nehles hafif qbadt u ammettejt it-tort</u>.”**

**6. Din il-versjoni hi konfermata minn Amanda Grech it-tfajla ta’ Brincat.**
**7. Apparti minn dan hemm konferma cara dwar kif graw l-affarijiet skond id-dikjarazzjonijiet rilaxxati minn Mario Brincat u minn Amanda Grech, Dok.HP8 u HP9. Dawn id-dikjarazzjonijiet gew rilaxxati fil-31 ta’ Ottubru, 2002 fil-presenza ta’ Hugh Zammit, Lino Debattista (Deputy Manager tas-socjeta` attrici) u Joe Micallef (Cost Controller tas-socjeta` attrici).**
**8. Inoltre s-surveyor Joe Buttigieg indika bic-car li l-hsara li kellha l-vettura KRT-189, ma kienetx kompatibbli ma hsara li tigi kagunata ma karozza zghira li tirriversja, izda kienet tindika li l-hsara grat b’kollizzjoni minn wara, cioe` li l-vettura KRT-189 baqghet diehla fil-vettura HAP-707.**
**9. Jirrizulta li l-konvenut Brincat ma thallas xejn.**
**10. Ghalhekk fic-cirkostanzi it-Tribunal m’ghandux dubji dwar ip-veracita` tal-versjoni moghtija minn Brincat, u li fil-fatt kien tassew il-konvenut Kurt Grech li baqa’ diehel fil-vettura ta’ Brincat. Is-socjeta` attrici hallset ghat-tiswijiet fil-vettura propjeta` tal-konvenut Charles Grech li kienet misjuqa mill-konvenut Kurt Grech, li konsegwentement ghandhom jirrifondu s-somma mitluba lis-socjeta` attrici.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata biss fil-konfront tal-konvenuti Grech, it-Tribunal**

**filwaqt li jillibera lill-konvenut Brincat mill-osservanza tal-gudizzju, qed jilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuti Kurt Grech bhala s-sewwieq tal-vettura danneggajata u Charles Grech bhala propjetarju tal-istess, u jikkundannahom jirrifondu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u sitta u disghin lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm896.96) bl-imghax legali dekoribbli mit-22 ta' Awissu, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-konvenut Brincat, u inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Awissu, 2003 u hmistax-il lira tal-parir, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuti Grech.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------